## L-EWWEL JUM: L-ISTENNIJA

**Storja:**

Marda stramba ħafna ħakmet ħabta u sabta fuq il-belt. Kienet ibda' bħal meta wieħed jieħu riħ: dak li jinħakmu biha kienu jibdew jgħattsu, imbagħad il-lewn tagħha kien isir griż, sakemm imbagħad, il-marda kienet tisplodi bil-qawwa kollha tagħha, u dawk li kienu jiċċapsu biha kienu jsiru xħaħ, prepotenti, u saħansitra ħallelin. Kienu jibdew jissosspettaw lil xulxin. Il-ħsieb tal-flus kien jaħkimhom sewwa u kien inessihom kull ħsieb ieħor.

"L-aqwa ħaġa li hawn fid-dinja huma l-flus. Bil-flus tagħmel kollox!" kienu jgħidu huma.

Flimkien mal-ġibda għall-flus kienu jiġu ukoll mumenti ta' biża' kbir. Dawk li kienu jbiegħu l-kaxxaforti u bibien ta' saħħa u ta' qawwa kbira ma kienux ilaħħqu mat-talba li kienet issirilhom. F'xi postijiet il-bibien kellhom madwar tmintax il-serratura biex isakkru sewwa.

Fil-familja, il-missirijiet u l-ommijiet kienu jisirqu il-flus mill-karus tat-tfal. Mill-banda l-oħra, it-tfal kienu il-ħin kollu jgħidu: "Kemm ser ittini?" kull darba li l-ġenituri tagħhom kienu jgħidulhom biex jagħmlu l-homework, jew inkella biex jaħslu l-platti u saħansitra anke biex imoru jilgħabu l-ballun fil-playground.

L-ispiżjar kien jipprova jqassam lill-morda kollha kotba li kienu jitkellmu dwar il-ġenerożita' u t-tjubija. Iżda ħadd mill-morda ma kien iriduhom.

Darba waħda s-Sibt fil-għaxija, fit-triq prinċipali, qamet ġlieda liema bħala minħabba *ten cents* Anke t-tabib iddakkar minn din il-marda u beda jbiegħ mediċina skaduta, li qabel kien jarmi ma' l-iskart.

Il-ħajja fil-belt saret insapportabbli. Kważi kulħadd kien jaħroġ armat sa snienu u dawk li kienu l-aktar sinjuri kienu jqabbdu magħhom security guards biex jiddefenduhom. Il-morda kollha kienu mdejjqa ħafna. U kienu jnikktu wkoll lil dawk kollha li kienu jgħixu madwarhom.

Il-Kap tal-Belt iddeċieda li flimkien mal-konsulenti tiegħu imur ikellem lil famuż Leħja Safra. Dan kien eremita u fl-istess ħin saħħar. Il-Kap kellu ħsieb li jitlob lil dan il-Leħja Safra xi mediċina jew inkella xi parir.

L-Eremita qagħad jisma' b'attenzjoni kbira, imbagħad filwaqt li melles il-leħja safra twila li kellu, qal: "Naf x'marda ħakmet lill-belt tagħkom! Hemm virus jismu

*"ġib l-ħawn biss"* . Dan hu virus qerriedi, għaliex min jinħakem minnu kulma jmur isir iktar insensibbli, qalbu tibbies għal kollox u ssir ġebla u moħħu jimtela' bil-balal.

Wieħed jista' jeħles xi ftit mill-marda billi jagħmel atti ta' tjubija u ta' ġenerożita`, iżda biex jiġġieled verament il-marda kien hemm rimedju wieħed biss: " l-ilma tal-Muntanja li tkanta". Tridu ssibu żagħżugħ b'saħħtu u kuraġġjuż. Irid jidħol għal dan l-impenn għall-imħabba tal-bnedmin. Għaliex l-ilma tal-ġenerożita` jaħdem biss jekk ikun verament mixtieq, mistenni u milqugħ. għalhekk, jekk issibu liż-żagħżugħ adattat li jaffronta id-diffikultajiet kollha, il-mediċina tħalli l-effett tagħha biss, jekk ikun hemm xi ħadd jixtieqha u jistenniha."

"Aħna nistennewha. Kulħadd!" ħalfu s-Sindku u l-Kunsulieri. "Hemm bżonn li noħorġu minn din l-epidemija li qed tnikket il-belt tagħna!"

L-għada dehru fuq il-ħitan kollha tal-Belt posters kbar iħabbru: "Qed infittxu żagħżugħ kuraġġjuż għal biċċa xogħol erojka!"

Ġew madwar elfejn. Iżda malli saru jafu li ma kien hemm l-ebda ċenteżmu biex jitħallsu tax-xogħol tagħhom, kollha telqu 'l barra. Kollha, barra wieħed. Kien wieħed żagħżugħ f'saħħtu u simpatiku, inkwetat bil-marda li kienet qed taħkem fuq in-nies tal-belt. Kien jismu Ġioswe`.

Is-Sindku u l-Kunsullieri fissrulu dak li kellu jagħmel, avolja ma kellhomx l-iċken idea fejn setgħet tinstab din il-Muntanja li Tkanta.

"Infittixha!" qal kollu entużjażmu ż-żagħżugħ.

"Aħna nibqgħu nistennewk!" wegħduh in-nies. "Inqegħdu dawl fit-tieqa kull filgħaxija u matul il-lejl, b'hekk tkun taf li nkunu qed nistennewk".

Gioswe` ħa xi ftit ħwejjeġ, ftit ħobż u ġobon u qiegħed kollox fi xkora bajda. Bies lil ommu u lil missieru, għannaq miegħi lil Mariarosa, l-għarusa tiegħu, filwaqt li qaltlu minn taħt l-ilsien: "Anke jien nistenniek!". Sellem lil kulħadd u telaq.

Għal tlett ijiem Gioswe` mexa dritt lejn il-muntanji. "La darba nasal hemmhekk infittex malajr lil Muntanja li Tkanta", qal bejnu u bejn ruħu.

Iżda kien sejjer imqarraq. Wara għaxar t'ijiem ta' mixi, il-muntanji baqgħu jidhru il-bogħod il-bogħod. Iżda Gioswe` ma qatgħax qalbu. Baqa' miexi. Beda jaħseb fuq in-nies ta' beltu, li żgur kienu qed jaħsbu fih huma ukoll u kienu qed jistennewh. Ġab quddiem għajnejh lill-ġenituri tiegħu, lil Marija Rosa, u ta' kull filgħodu, avolja riġlejh kienu tqal u għajjiena, kien jerġa jibda jimxi.

Għaddew għaxar t'ijiem. Imbagħad għaddew għaxar ġimgħat, u wara għaddew ukoll għaxar xhur.

Fil-belt, għal-ewwel iljieli kien hemm tassew spettakklu mill-aqwa. Fuq ħoġor ta' kull tieqa kien hemm xemgħa tixgħel. Kien sinjal ta' tama: kienu ilkoll qed jistennew l-ilma tal-ġenerożita` li kellu jġibilhom Gioswe`. Iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, ix-xemgħat bdew kulma jmur dejjem jintfew. Xi wħud kienu jinsew jixegħluhom; oħrajn maħkuma mill-marda qalila, għaġġlu jitfugħhom biex jiffrankaw. Il-parti l-kbira taċ-ċittadini, wara xi xhur, bdew ixenglu rashom u jgħidu: "Ma għamel xejn! Ma rnexxilux... Żgur li ma jiġix lura!"

Iżda Gioswe`, wara sena, wasal ħdejn il-muntanji. Ta' l-ewwel kienu għoljiet kemm xejn għoljin, iżda żgur li ma kienux muntanji. Il-widien li kienu jifirduhom minn xulxin kienu wiesa u faċli. Iżda, imbagħad, bdew isiru ħorox, kollha blat inigges, mimlijin b'kull xorta ta' ostakli.

Gioswe` kien dejjem b'widnejh miftuħa biex jara jismax il-Muntanja li Tkanta. Kienu hemm xi qċaċet li maħkuma mir-riħ kienu jinstemgħu isaffru. Muntanji oħra, minħabba s-silġ kbir li kien jiksihom u l-ilma li kien jitwaddab minnhom, kienu jirbumbjaw. Iżda ħadd minnhom ma kien ikanta.

F'daqsxejn ta' gabina mibnija ma' ġenb wieqaf ta' muntanja, iltaqa' ma wieħed ragħaj xwejjaħ u talbu xi informazzjoni. Ir-ragħaj tah skudella mimlija ħalib frisk u qallu: "Il-Muntanja li Tkanta? da żgur ukoll li naf fejn tinsab! Ma tħallinix norqod meta mmur bin-ngħaġ tiegħi lejn dawk l-inħawi! Iżda għandek tkun taf li hija muntanja selvaġġa għall-aħħar, wieqfa dritta dritta qisha obelisk u fuqhom joqgħod il-ġigant Soffjone!"

"Min?" staqsa Gioswe`.

"Ġigant imqarqaċ li l-hena tiegħu jonfoħ biex iwaqqa' l-isfel lil kull min jażżarda jitla' fuq il-muntanja!"

"Paċenzja. Xi jrid ikun! Ikolli nipprova nitla'!" qal Gioswe`. Ix-xwejjaħ ragħaj wasslu sal-muntanja u sellimlu: "Nawguralek, ħabib!"

Il-muntanja kienet tkanta ta' bilħaqq! Kellha leħen ferrieħi, iżda kemmxejn stunat. Gioswe` beda jixxabbat minnufih. Il-wiċċ tal-muntanja kien lixx għall-aħħar u l-imsejken żagħżugħ malajr ħass id-demm iċarċar minn idejh mibruxa mill-blat aħrax. Kienu għoddu wasal f'nofs it-telgħa, meta buffura qawwija ta' riħ qaċtitu minn mal-blat u irmieti diversi metri l-isfel.

Waqt li kien nieżel l-isfel sema' id-daħka tal-ġigant Soffjone, kollu kuntent biċ-ċajta li kien għamillu. Iżda anke din id-darba, Gioswe` ma qatax qalbu. Mela il-bwiet tal-qmis u tal-qalziet bic-cagħak u reġa pprova jixxabbat mill-ġdid. It-toqol li kien qed iġorr għamilha iktar diffiċli għalih li jixxabbat. Il-ġigant Soffjone ħarrax l-infieħ tiegħu. Iżda ma rnexxilux iċaqlaq anqas ħarira waħda lil Gioswe`. Wara ftit tal-ħin, Soffjone qata' nifsu u waqaf mill-infieħ tiegħu.

Meta Gioswe` wasal sa' fuq il-quċċata u ra dik l-għajn ta' ilma ġieri tal-ġenerożita', il-Muntanja bdiet tkanta l-Allelujah ta' Handel b'erba' vuċijiet.

L-inżul tiegħu mill-muntanja kien aktar ħafif. Kien wettaq il-missjoni tiegħu li kienet ġiet afdata f'idejh u ħassew ried itir bil-ferħ. Żgur li n-nies tal-belt kienet ser terġa takkwista il-ferħ u l-feliċita' ta' qabel. Ġarr fuq spallejh flixkun żgħir mimli b'dak l-ilma prezzjuż. Jekk ma kienx iservih għal kulħadd, hu xorta waħda kien jaf it-triq minn fejn għandu jgħaddi.

Lejla waħda bla dawl ta' qamar u l-anqas dak tal-kwiekeb, Gioswe` wasal fuq daqsxejn ta' għolja li minn fuqha kien soltu jara l-Belt. Hares l-isfel b'nifsu maqtugħ peress li kien ġera l-aħħar metri tal-mixja. Dak li ra imlielu għajnejh bid-dmugħ u lil qalbu bid-dwejjaq. Il-belt kienet maħkuma minn dlam taqtgħu b'sikkina. "Kien kollu ta' xejn dak li għamilt.... Jekk ma hawn ħadd min jistennieni, l-ilma ma jagħmel l-ebda effett.... Ix-xogħol u l-għejja tiegħu kienu kollha ta' xejn!"

Beda miexi pass wara l-ieħor lejn beltu. Kellu qalb jarmi dak l-ilma li kien ġarr miegħu minn fuq il-muntanja u li kien swielu tant. Kien għoddu għamel hekk, meta xi ħaġa waqqfitu! Kien hemm dawk wieħed, hemmisfel. Dawk ċkejken, jirtogħod, jiġġieled mal-lejl.

"Hemm xi ħadd li qagħad jistennieni!" Gioswe` beda jidħak jgħajjat bil-ferħ li qabdu u erħilha b'ġirja waħda 'l isfel.

Għaraf it-tieqa u d-dar. Fil-fond ta' qalbu qatt ma kien iddubita. Ħabbat b'kemm kellu saħħa fuq il-bieb tad-dar u għajjat: "Maria Rosa!!"

Iż-żewġ żgħażagħ tgħannqu flimkien. "Jiena dejjem bqajt nistenniek!" qaltlu Marija Rosa, kemm kemm tinstema`.

## RIFLESSJONI

*1. L-ilma tal-ġenerożita` li kienet kapaċi tfejjaq lill-belt, li kienet sfat vittma tal-egoiżmu, kellha effett biss, jekk kienet verament mixtieqa. Min ma jistenna xejn, is-soltu ma jirċievi xejn. Huma dawk l-affarijiet li nixtiequ li jżommuna għaddejjin u jagħtuna l-qawwa li nittamaw u nimmiraw dejjem il-ħajja tagħna. Maria Rosa kienet l-unika waħda li baqgħet tistenna lil Gioswe`, għaliex kienet tħobbu verament. Jeħtieġ li nħobbu lil xi ħadd biex inkunu kapaċi nistennewh jiġi.*

*2. X'qed jistennew il-bnedmin ta' llum? Qegħdin jistennew is-salvazzjoni li Alla jrid jagħtina? Jew inkella jgħixu fil-belt mudlama tagħhom, jikkuntentaw ruħhom b'dak biss li jsibu madwarhom?*

*3. F'dawn il-jiem x'qed nistennew? Il-holidays? Ir-Rigali? Il-Festi? L-ikliet? L-*

## IT-TIENI JUM IT-TFITTXIJA

**Storja:**

## IT-TLETT IĊ-ĊWIEVET TAS-SEMA

Darba waħda kien hemm wieħed Re, l-ikbar wieħed li kien hemm fi żmienu. In-nies ta' dak iż-żmien kienu jafu l-post fejn jinstab il-Kanċell tas-Sema.

Ir-Re kien irnexxielu jakkwista dak kollu li kien hemm x'jakkwista, iżda ried xi ħaġa oħra, l-iżjed waħda importanti: ried iċ-ċwievet li bihom kien jinfetaħ il-Kanċell tas-Sema. Iżda ħadd qatt ma kien irnexxielu jaqtagħlu xewqtu.

Ir-Re kien nefaq il-parti l-kbira tat-teżori tiegħu sabiex iħallas lil dawk in-nies li kellhom ifittxu fl-irkejjen kollha tad-dinja sabiex isibu dawn l-imberkin ċwievet. Iżda baqa' bla riżultat. Bagħat l-aqwa suldati tiegħu fl-akbar postijiet perikolużi u imbegħda. Iżda kien kollu ta' xejn.

Darba waħda, ir-Re deher jersaq riekeb fuq żiemel lejn il-Kanċell, li kien donnu qed jisfidah, wieqaf hemm sod. Xejjer il-ponn lejn dawk l-anġli li kienu qed jgħassu dan il-kanċell u għajjat: "Ma nistriehx qabel ma nakkwista ċ-ċwievet li jiftħu dan il-kanċell!"

Anġlu minnhom ħares lejh b'għajnejh jixegħlu bi tbissima, għaliex ir-Rejjiet ta' din id-dinja ma tantx kienu jimpressjonaw lill-Anġli tas-Sema, u wieġbu: "Fid-dinja hemm eluf u eluf ta' ċwievet biex bihom tiftħu dan il-kanċell tas-Sema. Issibuhom kważi kważi taħt riġlejkom, iżda n-nies tad-dinja jkomplu jgħaffġu fuqhom. Tista' issibhom anke int, jekk tkun taf tfittixhom. Hemm tlett iċwievet destinati għalik. Jekk issibhom, int tkun tista' tiftaħ il-Kanċell tas-Sema.".

Ir-Re niżel malajr minn fuq iż-żiemel u beda minnufih ifittex. Għal numru ta' snin qagħad jgħarrex lejn l-art li fuqha kien jimxi, iżda l-ebda ċavetta ma dehret taħt riġlejh.

JUm wieħed, waqt li kien miexi, kważi tfixkel f'daqsxejn ta' xitla żgħira niexfa għall-aħħar. Is-snin li kien għamel ifittex iċ-ċwievet tas-Sema kienu irrendewh iktar umli u iżjed attent għall-affarijiet żgħar u dgħajfa. Ġabar ix-xitla żgħira u ħadha miegħu d-dar. Ħejja daqsxejn ta; roqgħa b'ħamrija ratba, ħawwel ix-xitla u beda jsaqqiha b'għożża kbira. Wara beda jara kif jista' jgħin lil fergħat żgħar u liz-zokk b'xi qasbiet b'saħħithom.

Wieħed ragel li kien għaddej minn hemm u rah jagħmel dan kollu qallu: "U toqgħodx tħabbel moħħok minn dik ix-xitla nofsha mejta. Anke jekk jirnexxilek

issalvaha, iżda mdaħħal sewwa fiż-żmien biex jirnexxilek tgawdi id-dell u l-frott tagħha!"

Xi darba xi ħadd joqgħod bilqegħda għad-dell tagħha u jbierek lil din is-siġra u l-frott tagħha, u allura jbierek ukoll lili", wiegeb ir-Re. "U din il-ħaġa diġa qed tagħmilni kuntent minn issa stess!"

U f'dak il-ħin jilmaħ l-ewwel ċavetta. kienet qegħda propju taħt riġlejh tal-lemin u dehret qisha ħierġa mill-art. Kienet ċavetta donnha magħmula minn materjal stramb: aħdar qisu żmerald.

Għadda żmien iktar. Ir-Re kompla jifittex. Darba waħda, wara nofs in-nhar ta' ġurnata xitwija, waqt li kien hemm maltempata tal-biża, ra daqsxejn ta' tifla, bil-ħwejjeġ imqatta' u ħafja, li kienet rogħda waħda tistkenn f'rokna ta' bieb kbir fil-belt il-qadima. Ir-Re waqaf, neża' il-mantell u dawwru madwar it-tifla, imbagħad qabadha minn driegħha u ħadha miegħu l-palazz. Lestielha ikla sħuna u ra li jlibbisha bi lbies li kien isaħħanha sewwa. Propju f'dak il-mument ittenda li taħt riġlu tax-xellug kien hemm it-tieni ċavetta. Anke din kienet ċavetta maħduma minn metall speċjali: kellha kulur aħmar rubin.

Għaddew xi snin oħra. Ir-Re issa kien sar pellegrin xwejjaħ u għajjien. Kien jimxi bil-mod ħafna, iserraħ fuq bastun, iżda ma kien waqaf qatt ifittex iċ-ċavetta li kien baqgħalu jsib.

Lejla waħda, wasal f'belt żgħira fl-Orjent. Fettex post fejn jista' jgħaddi l-lejl, meta dehret folla ta' nies li kienet qed tinġabar u titkellem tgħajjat. Ħakmitu l-kurżita'. Ra korteo ta' nies mifxula ħiereġ il-barra mill-Belt.

"Dawk x'ġejjin jagħmlu fil-kampanja f'nofs ta' lejl?" staqsa r-Re. U beda miexi warajhom. Wasal quddiem daqsxejn ta' gorboġġ, nofsu mwaqqa', li kien qed iservi ta' stalla ta' l-annimali. In-nies li kienu imxew b'iktar ħeffa minnu kienu diġa sejrin lura lejn il-Belt, meta hu ittawwal ġewwa l-istalla. Fid-dawl inemnem ta' xemgħa żgħira huwa lemaħ waħda pmm żagħżugħa li kienet qed tbennen lit-tarbija tagħha. F'dak il-ħin it-tarbija fetħet għajnejha. Ix-xwejjaħ Re ħassu jiġi mdawwal bid-dija ta' dik il-ħarsa, u għall-ewwel darba f'ħajtu niżel għarkobbtejh. Il-qalb tiegħu imtliet bil-ferħ, għaliex quddiemu, jilmaħ titfaċċa mix-xejn it-tielet ċavetta. Kienet ċavetta kollha kemm hi tad-deheb.

Kien sab it-tliet iċwievet u issa kien jista' jiftaħ l-Kanċell tas-Sema.

## IT-TIELET JUM L-GĦASSA

### Storja

## WASLU BISS TLIETA

Bħalma kulħadd jaf, żmien ilu, meta l-computer kien għadu ma eżistiex, l-għerf kollu tad-dinja kien miġbur fl-imħuħ ta' sebgħa minn nies. Kienu msejjħa is-Seba' Għorrief. Dawn is-seba għorrief kienu jafu r-raġunijiet kollha, l-għaliex, il-meta u r-rimedji ta' dak li kien qed jiġri fid-dinja.

Kienu tant importanti li kienu meqjusa Slaten ta' Pajjiżhom, anke jekk fir-realta' ma kienu slaten xejn.

Minħabba f'hekk dawn is-Seba' Għorrief kienu msejjħa s-Slaten Maġi.

Issa, fis-sena Żero, filwaqt li kienu qed jistudjaw il-kotba antiki tagħhom, is-seba' għorrief kollha waslu għal konklużjoni waħda mill-iżjed tal-għaġeb. Propju f'lejl wieħed ta' dik is-sena kellha tidher fis-sema Kewkba straordinarja li kellha twassalhom sal-benniena tar-Re tar-Rejjiet.

Minn dak in-nhar, għaddew l-iljieli kollha jgħarrxu 'il fuq lejn is-Sema u ta' kull jum kienu jħejju kollox għall-vjaġġ li kellhom jagħmlu meta tidher. Sakemm, lejla waħda, fuq il-bellus iswed tas-Sema dehret kewkba differenti mill-oħrajn kollha. Ela ma qagħdu jitilfu ħin, mis-seba' angoli tad-dinja fejn kienu joqgħodu, is-Seba' Għorrief telqu għal għonq it-triq. Il-kewkba bdiet turihom it-triq. Dak li kellhom jagħmlu kien biss li joqgħodu attenti biex ma jitilfuha qatt minn quddiem għajnejhom.

Kull Re Maġi kien riekeb fuq quddiem, bin-nies tiegħu warajh. Is-sebgħa li kienu ma qalgħux għajnejhom minn fuq il-kewkba, anke jekk kienu huma biss li kienu jarawha kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl. Kienu lebsin mantelli ta' drapp miksi bid-deheb, u kull mantell kellu teżor. Warajhom kienu mexjin l-emiri tagħhom, il-paladini tagħhom, is-suldati u l-għassiesa tagħhom. Iż-żwiemel u l-iġmla kienu mtaqqla b'ilbiesi tagħhom, kif ukoll bir-rigali prezzjużi għat-Tarbija Divina.

Bil-mod il-mod is-seba' karovani erħewlha lejn il-Muntanja tar-Rebħa, fejn il-Kewkba kienet stabiliet li s-Seba' Rġiel Għorrief kellhom jiltaqgħu flimkien, biex imbagħad jiffurmaw karovana waħda.

Olaf, Re u Saħħar li kien ġej mill-art kiesħa tal-Fjordi, qasam l-immensa steppa kif ukoll katina sħiħa ta' muntanji ta' silġ enormi, u wasal f'wied sħun u kollu aħdar bil-ħaxix, fejn is-siġar kienu mimlija bil-frott mill-itjeb u fejn kien hemm klima sabiħa. Olaf u n-nies tiegħu qatt ma kienu raw ħaġa daqstant sabiħa f'għomorhom kollu u iddeċidew li jieqfu għal ftit. Kien kollu ta' xejn li l-kewkba, minn ġewwa s-sema, bdiet tpetpet

iktar bil-għaġġla sabiex tistieden lil dak ir-Re Olaf ikompli triqtu.

Olaf niżel jgħum fl=ilma fietel ta' għadira u qagħad anke jixxemmex , u saħansitra beda jibni kastell għalih. U nesa għall-kollox il-kewkba.

Igor, Re Magi ieħor mill-pajjiż tax-xmajjar, kien wieħed żagħżugħ u fuq tiegħu, kapaċi juża ix-xabla tiegħu għall-ġlied u kien ġeneruż ħafna. Kien telaq hekk kif kien ra l-kewkba, u ħa miegħu ħafna suldati. Ilkoll kien lebsin l-elmijiet tal-fidda f'rashom mżejjna bir-rix aħmar u b'korazza tqila fuq sidirhom.

Kienu qasmu pjanuri kbar u għelieqi maħruta, sakemm waslu fis-saltna tar-Re l-Aħmar, Re kiefer u krudil. Is-suldati tiegħu kienu jsawwtu bl-addoċċ lis-sudditi tiegħu, u kienu għamluhom skjavi.

Il-qalb ġeneruża ta' Igor u tas-suldati tiegħu intlest bil-korla għal dan is-sultan kiefer u iddeċidew li kellhom jindaħlu u jsalvaw lin-nies li kienu qed ibatu ħafna. Jum wieħed iltaqgħu ma' armata ta' suldati tar-Re Aħmar li kienu qed ikaxkru magħhom tużżana bdiewa msejkna, bla ħwejjeġ, mimlija feriti, bil-ġuħ u bil-għatx. Igor ħareġ ix-xabla tiegħu u flimkien mas-suldati tiegħu intefgħu fuq dawk is-suldati kiefra. U saret gwerra sħiħa. gwerra twila twila u mimlija demm. Igor sar id-difensur tal-fqar u tad-dgħajfa, iżda kien tilef għall-kollox il-kewkba li qabel kienet qed turih it-triq. U fil-fatt ma baqax ifittixha.

Yen Hui, kien ir-Re tas-Saltna Ċelesti. Rasu kienet tleqq qisha djamant. dawk li kien hemm miegħu kienu kollha filosofi u xjenzjati. U waqt li kienu mexjin, tiggwidahom il-kewkba, kienu jiddiskutu flimkien dwar il-matematika, u kienu jippruvaw isibu soluzzjonijiet għal ħafna enigmi li kienu jivvintaw.

Waslu f'belt mill-aqwa, mimlija b'monumenti ta' l-irħam, ġonna, stadium u universita' famuża fejn kienu jgħallmu professuri famużi. Yen Hui ma setgħax jirreżisti għal din it-tentazzjoni. "Jiena ser nieqaf għal siegħa hawnhekk", qal. Propju dak in-nhar wieħed professur imsemmi kien qed jagħti lezzjoni dwar il-bidu tal-Univers. Yen Hui sfidaw għall-dibattitu pubbliku. Damu ġimgħa sħiħa jiddiskutu. Fl-aħħar Yen Hui ħareġ rebbieħ. Iżda dak il-ħin ftakar f'din il-kewkba, iżda kien tard wisq: il-keewkba baqgħet sejra u kien kollu ta' xejn li mar ifittixjha għax baqa' ma sabhiex.

Lionel kien prinċep saħħar u poeta, kien ġej mill-art tal-Orjent, u kien miexi wara l-kewkba flimkien mal-ħbieb tiegħu, li ma kellhom l-ebda arma magħhom għajr xi strumenti mużikali. Lionel kien ikkompona biċċa kant mill-iktar ħelwa ad unur tal-kewkba u tar-Re tar-Rejjiet li kien ġie fid-dinja biex iġib l-imħabba u l-paċi għall-bnedmin kollha. Dawk kollha li kienu jisimgħuh ikanta kien tant jikkomwovu ruħhom li saħansitra kien jaqbżilhom id-dmugħ.

Il-Karovana ta' Lionel qasmet żewġ foresti kbar, u lejla waħda, talab lin-nies ta' raħal mimli bdiewa kuntenti u bieżla sabiex jagħtuh kemm għal-lejl. Ir-Re żagħżugħ

flimkien ma' dawk li kienu miegħu ġew mistiedna jieħdu sehem f'ikla kbira offruta mill-Burgumastru. Fit-tmiem tal-ikla, it-tifla tal-Burgumastru, tfajla il-ġmiel tagħha, żifnet u kantat għall-mistednin kollha.

Kien propju dak il-ħin li Lionel issaħħar minnha. Kien kollu ta' xejn li sħabu fakkruh dwar il-missjoni importanti li għaliha kienu ħarġu mill-palazz tagħhom. Il-ħsebijiet kollha ta' Lionel kienu kollha fuq it-tifla tal-Burgomastru. Fis-sema tiegħu, il-kewkba mirakuluża bdiet kulma jmur tisfar u tintefa.

Melkjor, Re tal-Persjani, kien riekeb fuq quddiem tal-Korteo tiegħu, bla ma jaqla' għajnejh minn fuq il-kewkba. Kien imdorri jbati u jaħdem u jagħmel sagrifiċċji, u ma għalaqx għajn ma' għajn li ma jmurx jitlef il-kewkba li kienet qed turih it-triq.

Gaspar, re tal-Indji, kellu miegħu ftit nies li kien jafdahom ħafna; il-vjaġġ tiegħu kien twil twil, u ma riedx ma jżommx l-appuntament li kellu. "Naf b'ċertezza, żgur li ma inhix imqarraq. Twieled bniedem jixbaħna f'kollox li dan għandu jkun is-Sid ta' l-art kollha u jibqa' jsaltan għal dejjem matul is-sekli. B'qalbi taqbeż bil-ferħ jiena rrid ninżel għarkobtejja quddiemu..... Tkun l-aqwa ħaġa li qatt stajt nixtieq matul ħajtu kollha!" kien qed jgħid lilu nnifsu.

Baltażar, Re tal-Arabja, kien mgħobbi bis-snin, kien riekeb fuq ġemel li bil-mixja mxengla tiegħu kien iqabbad in-ngħas lil kull min ikun riekeb fuqu. Minħabba f'hekk kien hemm ħdejh wieħed seftur, paġġ, li x-xogħol tiegħu kien li jżommu mqajjem, anke jekk kien hemm bżonn billi jxenglu xi ftit, li ma jkollux id-diżgrazzja li joroqd fuq il-ġemel u jaqa' minn fuqu u b'hekk jitlef il-kewkba li kienet qed tmexxih.

Mela għall-appuntament li kellhom fuq il-Muntanja tar-Rebħa waslu biss tlett Slaten Maġi. Niżlu minn fuq iż-żwiemel tagħhom u raw fis-sema jinfetaħ bieb kbir, u minnu raw anġli mimlija ġmiel, u kellhom f'idejhom il-kewkba kometa, u l-muntanja kollha xegħlet bid-dawl.

Isfel taħt il-muntanja inġabru flimkien biex jinħaslu sewwa f'għadira, li madwarha kien hemm seba' siġriet: iż-żebbuġa, id-dielja, il-mirtu, iċ-ċipressa, il-lumija, iċ-ċedru u l-abete. Iżda raw li erba' siġriet minnhom kien qed jinxfu u Melkjor, Gaspar u Baltażar fehmu li l-erba' għorrief l-oħra ma kienux ser jaslu s'hemmhekk.

Wara li nħaslu, iffurmaw karovana waħda. "Jeħtieġ nimxu", qal Baltażar, li fost it-tlieta kien l-aktar wieħed xwejjaħ, kif ukoll l-aktar wieħed għaref. U l-kewkba reġgħet dehret quddiemhom, turihom min fejn kellhom jgħaddu. Lejn Betlem.

**IR-RABA' JUM** **GĦAJNEJNA MIFTUĦA**

**STORJA**

## "L-ANTENNA MIĠNUNA"

Darba waħda, fuq is-soqfa ħomor ta' bini għoli, kien hemm Aerial tat-T.V. li kienet qed taqdi sewwa ix-xogħol tagħha. Kien aerial ċentralizzat u għalhekk kienet twassal l-istampa lit-TV f'kull dar li kien hemm f'dak il-bini kollu.

Issa kienet ilha snin twal hemm fuq u kienet saret taf lil kulħadd. Ta' kull jum kienet taqbad s-signals kollha li kien hemm iduru fl-arja, li hi biss kienet kapaċi tarahom u taqbadhom, u kienet tibgħathom imbagħad fit-TV tad-djar kollha. Infatti kien hemm ruxxmata ta' kuluri u ħsejjes li kienu jdawwruha li ħadd ħliefha ma kien jarahom jew jismagħhom. Hija kienet tikkmandahom u kienet titrasmettihom f'kull sett tat-T.V.

Hi kienet tibda' x-xogħol kmieni filgħodu. Il-Kummendatur Bepoli li joqgħod fit-tieni sular kien iqum mas-sitta u l-għaxqa tiegħu jara t-Telegiornale tas-Sitta. Nico u Mario, iż-żewġt aħwa li kienu joqgħodu fit-tielet sular kienu jiġġennun għall-cartoons li kienu jidhru fit-8.00am, kienu joqgħodu jarawhom minn ġos-sodda tagħhom.

Kemm kien jgħir għalihom l-aerial, speċjalment fix-xitwa, meta kien jidba jvenven ir-riħ ingazzat u qtar ta' silg kienu jiddendlu miegħu. Kien ikollu jaqbad sewwa mas-saqaf ta' taħtu biex jibqa' jżomm dritt u ma jħassarx l-istampi li kienu jaslu.

Wara kienu jaslu t-telefilms u tele-novelas li saħansitra kienu jbikku lill-istess aerial. "Beautiful" kienet titgħaxxaq bih is-sinjura Sirano tat-tielet sular, "Perma Nera" kien iġennen lil aħwa Borelli li kienu joqgħodu fis-sular ta' taħthom, "Dolore e lacrima" lis-Sur Russo, pensjonant, li għalkemm kien iqatta' siegħat jara t-tele-novelas ma ried lil ħadd ikun jaf li jagħmel hekk.

Lilli' bint is-Sur Dolcetti li kien joqgħod fil-ħames sular, kienet tgħoxa tara "Karaoke" . U hekk, il-ġurnata kollha u parti kbira tal-lejl: partiti tal-football, films, dokumentarji, cartoons, eċċ.

Kull darba li kien ikun hemm xi television mixgħul, l-aerial kien jidħol inkiss inkiss f'dik id-dar, u ma kienx joqgħod biss li jwassal l-immaġni sat-television, iżda kif kien ikun hemm hekk kien joqgħod jgħarrex 'l hawn u 'l hinn biex jara x'hemm f'dik id-dar. Ħafna minnhom kienu jħallu it-television mixgħul u jibqgħu jagħmlu affarijiet oħra. B'hekk l-aerial dara lill-persuni kollha li kienu jgħixu f'dak il-blokk ta' bini, kif ukoll l-inkwiet li kien ikollhom, mhux biss il-ħsarat tat-television.

Ittenda li kien hemm ħafna affarijiet li ma kienux sejrin sew.

"Jekk ma naħsbix għalihom jien, dawn m'huma qatt ser isolvu l-problemi l-għandhom. Il-ħmerija hi, li huma stess anqas biss qed jittendu li għandhom dawn il-probelmi", kien jgħid l-aerial.

U għalhekk iddeċieda! Ġabar il-forzi tiegħu kollha, xengel il-kanna nofsha msadda li magħha kien imwaħħal, u irnexxielu jagħmel xandira mill-aqwa. Minflok ma qagħad jaħkem l-istampi li kienu jintbagħatu minn stazzjonijiet oħra minn fejn kien, beda jaħkimhom minn flat u jxandarhom fi flat ieħor.

Beda mill-aħwa Bellotti. Minflok it-telenovela preferuta minnhom, dawn bdew jaraw fuq l-iskreen tat-TV tagħhom waħda xwejjħa li kienet qed tħares ċassa lejn ritratt, fuq wiċċha kien hemm dwejjaq li jmisslek qalbek.

"Din żgur xi telenovela ġdida!", qalet il-kbira fost l-aħwa.
"Le! Mela ma għarafthiex? Dik ix-xwejjħa li qed toqgħod fir-raba' sular" kienet pronta pronta qalet iż-żgħira.
"Mela dik xi artista tat-Television, jew?"
"Le, iżda dik żgur id-dar tagħha. Inti ħares ftit lejn it-twieqi".

Bdew iħarsu b'attenzjoni kbira. Ix-xwejjħa kellha għajnejha jgħumu fid-dmugħ. Ixxottat id-dmugħ b'tarf il-fardal tagħha. Kielet kontra qalbha xi żewġ magħref mill-minestra li kellha, tħares dejjem lejn ir-ritratt li kienet poġġiet iserraħ ma' flixkun ta' l-ilma.

"Jiena, emminni, qatt ma sellimtilha lil dik ix-xwejjħa!", qalet il-kbira fost l-aħwa Bellotti.

"Min jaf kemm hija mdejjqa, miskina, tgħix weħidha!?", qalet iż-żgħira.

"Għaliex ma nistiednuhiex tiġi tieħu t-te` għandna?" qalet il-kbira.

"Iva, immorru issa stess", kienet pronta qalet iż-żgħira. U t-tnejn li huma qamu, u għall-ewwel darba f'ħafna snin insew it-telenovela.

Nico u Mario kienu fl-hena tagħhom mitlufin fl-aqwa sport preferit minnhom: dak, jiġifieri li jiġġieldu kontinwament ma' xulxin. It-TV kien qed jitrasmetti dokumentarju dwar l-annimali, iżda f'daqqa waħda waqaf.

"Ara, naħseb li hemm xi reklam ġdid", qal Nico.

Fuq l-iskreen tat-TV deheru żewġt itfal li kienu qed jilagħbu fil-kamra tagħhom. "Dawk... dawk... mhux it-tfal tal-purtinar li jieħu ħsieb il-blokk tagħna?" temtem Mario.

"Dawk mhux dawk il-gugarelli mkissra u mfarrka li irmejna maż-żibel il-bieraħ?"

"Iva! U dawk huma l-Giornalini qodma li kellna".

Nico u Mario issummaw u ma qalux kelma oħra. Wara ftit Nico qal: " Qed jilagħbu b'dawk l-affarijiet li irmejna aħna..."

"Tridx insejjħulhom u jitilgħu hawnhekk u joqgħodu jilagħbu magħna" qal Mario.

"Naħseb li aħjar insejħulhom. Isma' iktar nieħdu gost niġġieldu, mhux hekk: Erbgħa aħjar minn tnejn", qal Nico.

"Mama` ser inkunu erbgħa għat-te` il-lejla!" għajjtu flimkien waqt li ħarġu mill-bieb u b'ġirja waħda sabu ruħhom isfel nett.

Is-sbejħa Lilli` kienet qegħda tippettna u tixtieq tara lil Fiorello, dak l-istar tat-TV li kien iġiegħel il-qalbha tħabbat ħafna meta tisimgħu jew tarah. L-istess kien jagħmlilha Ridge tal-Beautiful. Kemm kienu sbieħ u edukati, mhux bħal dawk il-qabda żgħażagħ li kienu jinġabru wara l-biex taċ-ċentru Parrokkjali. dejjem jagħmlu l-istorbju. Aħjar tibqa' għażba milli tiżżewweġ xi wieħed minn dawk is-subien tar-raħal.

Iżda, hekk, it-trasmissjoni l-iktar preferita tagħha waqfet ħesrem. Fuq it-TV dehret daqsxejn ta' kamra żgħira, sempliċi iżda kollox f'postu. Iżda donnu kien hemm xi ħaġa familjari.

B'rasu baxxuta fuq il-mejda, wieħed żagħżugħ, b'xagħru mmukklat, kien qed jistudja, bi ktieb oħxon quddiem. kien jidher li hu għajjien ħafna, għaliex rasu kienet il-ħin kollha tiela' u nieżla fuq il-ktieb, iżda xorta waħda kien attent, u kien qed ikompli jistudja u jistudja.

"Il-Marelli", qalet Lilli`, " dak hu ż-żagħżugħ tal-ħames sular, li bi nhar kien jaħdem ta' fattiga mas-Supermarket tal-Pjazza. Dejjem isellimli meta niltaqa' miegħu fit-taraġ, hu tiela' u jiena nieżla. Iżda qatt ma ppruvajt nagħtih harsa sewwa. kemm jiena stupida". Ħabta u sabta għajtet: "Mama`, nista' nistieden ħabib tiegħi għall-ikla tal-Milied?"

Fil-flats kollha ta' dak il-blokk ta' bini grat l-istess ħaġa. Persuni li kienu jgħixu lkoll f'dak il-bini, li kienu jiltaqgħu ma' xulxin, fil-pjan tat-taraġ, jew inkella fuq it-taraġ stess, min nieżel u min tiela', fl-istess lift, eċċ., li saħansitra xi wħud minnhom li kienu jgħixu ukoll fl-istess flat, hekk ħabta u sabta **"raw lil xulxin"** għall-ewwel darba.

U fuq il-bejt, l-aerial, għajjien, iżda kuntent, kien qiegħed jieħu n-nifs biex minn hawn u ftit iktar jittrasmetti l-ħamsin elf episodju tat-telenovela "Sentieri".

## IL-ĦAMES JUM

## INĦEJJU T-TRIQ

STORJA:

# TONINO U L-MUNTANJA S-SEWDA

Darba waħda kien hemm raħal mibni ġewwa wied twil u dejjaq, fil-qalba tal-muntanji għolja u mimlija bi blat aħrax, li xi kultant kienu jinfetaħ xi ftit u kien jagħti fuq wesgħat ta' ħdura u mergħat mill-isbaħ. In-nies tar-raħal kienu kollha kuntenti, ftit jew wisq: il-baqar tagħhom u n-nagħaġ tagħhom kienu jidhru paxxuti, l-ħalib u l-ġobon ma kienx nieqes u kien iġib prezz tajjeb meta kien jinbiegħ fis-suq tal-belt li kienet tinsab il-bogħod. Iżda il-ferħ u l-feliċita' tan-nies kienet qed tiġi mhedda minn sħaba sewda.

Din is-sħaba sewda kienet minħabba t-Torri tas-Saħta.

It-Torri tas-Saħta ma kien xejn iżjed minn qabda blat aħrax li kien jagħlaq lill-wied u li kien iħalli lix-xemx titfa' r-raġġi tagħha fuq ir-raħal għal ftit minuti biss, ftit wara li tkun telgħet ix-xemx, u ftit minuti oħra qabel ma tinżel. Il-bqija, ix-xemx kienet iddawwal biss il-qċaċet ta' dawn il-muntanji. Minħabba f'hekk ir-raħal kien iqatta' il-ġurnata kollha fid-dell. U kollu tort tat-Torri tas-Saħta.

Tonina, ġuvni fuq tiegħu u b'karattru ferrieħi u deċiż din il-ħaġa ma kienitx tinżillu. Kien jixtieq ħafna li jkollu daqsxejn ta' ġnien quddiem id-dar tiegħu, bil-fjuri u siġra taċ-ċirasa, u oħra ta' l-albikokka u tat-tuffiegħ. Iżda fir-raħal ma setgħa jieħu xejn, la fjuri, la xtieli, la ħxejjex, għaliex ix-xemx kienet tidher għal ftit waqtiet biss. Min xtaq li jkollu għalqa, kellu jmur jagħmilha il-bogħod il-bogħod.

Minħabba f'hekk ħafna kienu dawk li kienu jgħixu f'dan ir-raħal li kienu iddeċidew li jmorru f'post ieħor, u allura r-raħal beda jitlef mill-abitanti tiegħu. It-raħal kien qed jirriskja li jmut tort tat-Torri tas-Saħta.

Din kienet l-unika ħaġa li kienet qed ittellef il-ferħ u l-paċi ta' Tonino.

"Il-marelli u l-kobob", kien igerger waħdu dan l-imbierek ta' Tonino. "Raħal bla fjuri, bla friefet u bla kant huwa raħal bla tfal, raħal li qed imut..."

Kien jitfa' għajnejn fuq is-soqfa kollha jleqqu bix-xita ta' mal-lejl u kien jara d-duħħan abjad ħiereġ miċ-ċmiemi kollha tad-djar, li kien ifakkru fil-polenta kollha fwieħa li n-nisa tal-post kieu jsajjru. Kien jaf lil kulħadd b'ismu u b'kunjomu. U qal: "Jeħtieġ li nagħmel xi ħaġa.... jiena l-iktar wieħed żagħżugħ tar-raħal, u alura jmissni nagħmel xi ħaġa!"

Ġurnata waħda iddeċieda . Tafa' fuq spallejh il-baqqun ġdid li kien xtara mill-fiera tar-raħal u telaq għall-għonq it-triq., lejn il-muntanja.

"Fejn sejjer?" staqsietu ommu.
"Sejjer inkisser il-muntanja tas-saħta", wieġeb malajr Tonino.
"Imma x'inti tgħid? mela qed tiġġennen? Dan kif ser tkisser il-Muntanja?
"Xi ħadd irid jibda' xi darba!" qal kollu kburi Tonino.

Hekk kif wasal taħt it-Torri tas-saħta, ta ħarsa 'il fuq lejn il-blat enormi li kellu fuqu. U Tonino qal: "Għalina, mela!"

Irrispondih leħen qawwi u aħrax, bl-istess kelmiet li kien għadu kif qal, leħen li baqa' jirbombja madwar. Tonino qal: "Nibda' minn fuq!" u beda jixxabbat mal-muntanja.

Tonino refa' l-baqqun u niżżlu b'kemm kellu saħħa fuq il-blat filwaqt li qal: "Ħudha mela!"

Tonino baqa' mistagħġeb ħafna, għaliex ittenda li mad-daqqa tal-baqqun inqatgħet biċċa blata kbira, li niżlet tiġri titgerbeb l-isfel u ġarret magħha ruxxmata ġebel ieħor.

"Mela allura jista' jirnexxieli!" qal Tonino. Żied id-daqqiet tiegħu, kollhom saħħa u rabbja, iżda fl-istess ħin ferħan. "Ser jirnexxieli niftaħ triq lix-xemx!"

Wara ftit tal-ħin niżel fl-art għajjien mejjet, kollu għarqan, imkisser. U ħares lej ir-riżultat ta' dak li wettaq. Kien irnexxielu jitfa' 'l isfel numru kbir ta' blatiet, iżda kien għadu l-anqas biss niżżel il-quċċata tat-Torri tas-Saħta b'millimetru.

"Anke jekk ikolli nqatta' ħajti kollha nbaqqan, nibqa' għaddej!", qal deċiż Tonino.

Iżda donnu kien qed jisma' l-eku tal-muntanja jiżżuffjetta bih. Qam minn fejn kien u reġa' beda jkisser bil-baqqun. għadda dik il-ġurnata u anke l-għada jaħdem. U baqa' sejjer hekk għal xahar sħiħ.

Kull fil-għodu, Tonino kien jerġa' jibda l-isfida tiegħu. Iżda r-riżultat ma tant kien xi haġa. Il-quċċata tal-muntanja baqgħet tidher setgħan u fil-għoli donnha iktarminn qabel.
In-nies tar-raħal kienu jgħidulu: "U toqgħodx tbati għalxejn! Issa mhux kollha kemm aħna drajna. Iżda Tonino, filwaqt li xengel rasu kien jgħidilhom: "Irrid inwassal ir-raġġi tax-xemx fil-gallarijiet tagħkom il-ġurnata kollha. U għad tarawil-fjuri jiftħu u jwarrdu fit-toroq tagħkom!"

Ta' kuljum kien jirritornu hemm fuq u jerġa jibda' ix-xogħol li jkun ħalla l-

ġurnata ta' qabel. Wara xi żmien, il-ħoss tal-baqqun tiegħu sejjer "Tikk...tikk", indara ukoll min-nagħaġ u l-baqar li kienu jirgħu fil-qrib.

Jum wieħed semgħet ħaġa mhux tas-soltu. Tonino kien wasal biex jarmi l-isfel biċċa blata kbir ħafna, meta sema' leħen jgħajjatlu: "Tonino... Tonino..." Ħares kollu mistagħġeb madwaru. Il-leħen reġa instemgħa jgħajjat, ħiereġ minn ġewwa l-muntanja. "Fejn int?" staqsa Tonino.

"Jiena ninsab hawn taħt riġlejk, ġewwa l-blat!" Tonino niżel għarkobtejh u ttawwal ġo ħofra mudlama li kienet dehret malli tefa' l-isfel dik il-blata l-kbira. Fil-qiegħ kien hemm xaqq ġol-blata, u ġewwa dak ix-xaqq, kien hemm id ċkejkna ċkejkna bajda ixxejjer.

"Eħlisni", talbu bil-ħniena dak il-leħen. Daħħal malajr il-baqqun u fi ftit ħin ħaffer sa ma wasal ħdejn dik l-id. U kompla jħaffer b'attenzjoni kbira sakemm fl-aħħar sab quddiemu daqsxejn ta' tifla b'għajnejn ċelesti u b'libsa lewn ir-ragħwa tal-ilma li jinqaleb ġol-muntanji.

"Grazzi", qaltlu dik it-tifla, filwaqt li Tonino baqa' kollu mistagħġeb iħares lejha. "Jiena l-fairy tan-Nixxiegħat, iżda l-Perit li bena l-muntanja tas-Saħta żammni priġuniera tiegħu. Issa li għoġbok teħlisni, jiena nsir l-ilsiera tiegħek, u kull xewqa tiegħek isseħħ!"

"Kif jista' jkun? Int għadek daqshekk żgħira!" wiegeb Tonino.

"Bil-paċenzja, bi ftit tal-ħin u bil-qawwa ta' l-ilma kollox iseħħ", qaltlu t-tifla ċkejkna. Refgħet idha l-fuq, qisha xi surmast li qed imexxi l-orkestra. Eluf ta' nixxiegħat ta' ilma imlew kullimkien. Eluf ta' nixxiegħat ħarġu jiġru minn ġewwa l-Muntanja tas-Saħta. Kien żgħar ħafna fil-bidu nett, iżda imbagħad bdew jiltaqgħu flimkien u saru xmajjar kbar, li mbidlu f'kaskati enormi. U kull nixxiegħa bdiet tisserra, tqatta, u ċċarrat mill-blat ta' fejn kienet tgħaddi u ġġorr magħha il-blat iż-żgħar, iċ-ċagħaq, u kullma ssib quddiemha.

Dawn qed ikissru u jġibu fix-xejn lil-Muntanja tas-Saħta", qal Tonino u rema' il-fuq il-kappell li kellu f'rasu. Dar biex jirringrazzja lil fairy tan-nixxiegħat iżda ma raha imkien. Kienet sparixxiet.

Niżel jiġri lejn ir-raħal sabiex jagħtihom l-aħbar. Ir-raħal kiejn diġa deher isbaħ, bix-xmara żgħira li kienet bdiet għaddejja minn ħdejh. Illum dak ir-raħal huwa mdawwal bid-dawl tax-xemx minn fil-għodu sa filgħaxija, huwa mimli bil-ward u l-fjuri, bil-friefet u bit-tfal. Minflok it-Torri tas-Saħta hemm numru ta' blatiet żgħar, mgħottija minn ħxejjex u pjanti. Hemmhekk imorru l-anzjani jfittxu l-faqqiegħ.

☐ RIFLESSJONI

## IS-SITT JUM L-GĦOTJA

**STORJA**

## "IL-PAKKET MISTERJUŻ"

Elena, tifla ċkejkna, kienet tieħu gost immens toħroġ man-nanna tagħha meta din kienet tmur tagħmel ix-xirja tagħha. Speċjalment fil-granet tal-Milied. In-nanna kienet dejjem attenta li tagħtiha dak li titlobha. Minħabba f'hekk, kull darba li kienet toħroġ man-nanna, kont tara lil Elena gejja lura b'xi rigal sabiħ: xi ktieb ġdid, xi album tar-ritratti, xi "kinder sorpresa" eċċ.

Elena kienet ukoll tieħu gost toqgħod tilgħab mat-tfal li kienet tiltaqa', speċjalment waqt li n-nanna tagħha kienet tidħol f'xi supermarket għax-xirja, iżda ma tantx kien jirnexxielha, għaliex it-tfal li magħhom kienet tiltaqa' kienu jkunu lkoll kemm huma b'wiċċhom imqarras u ħadd minnhom ma kien ikollu aptit jilgħab. Anke in-nanna, ma tantx kienet iddum fis-supermarket, għaliex għalkemm kien ikun hemm ħafna nies, ma min tista' tgħid kelma, qatt ma kienet issib lil ħadd biex jitkellem magħha, għaliex kulħadd kien jgħaddi bil-ġirja u ma jkollux ħin x'jaħli biex jitkellem ftit magħha.

Fit-triqthom lura lejn id-dar kemm in-nanna kif ukoll Elena ma kienux jgħidu kelma. Kienu jżommu idejhom f'ta' xulxin, filwaqt li ċeklem ċeklem kienet tibda' niżla l-borra.

Malli waslu d-dar, in-nanna poġġiet bilqiegħda fuq il-pultruna preferita tagħha. Qagħdet taħseb xi ftit, imbagħad kollha deċiża marret lejn il-box-room. Wara ftit ġiet lura żżomm f'idejha pakkett-rigal imgeżwer f'karta mill-lewn id-deheb u marbut sewwa b'zagarella ħamra.

Elena kellha seba' mitt sena sabiex tiftaħ il-pakkett, iżda n-nanna fissritilha li dak ir-rigal kien sigriet.

L-Għada fil-għodu, meta kien għadu kmieni, in-nanna u Elena ħarġu mid-dar, iġorru magħhom dak il-pakkett jleqq minħabba l-karta dehbija u z-zigarella ħamra.

L-ewwel wieħed li iltaqgħu miegħu kien Pasquale, raġel li kien jagħmilha ta' pulizija, b'par mustaċċi mibrumin, qishom il-handle tal-bicycle. Kien tip ta' wieħed li ma jagħti kunfidenza lil ħadd u kien jgħix waħdu. In-nanna resqet lejh u offrietlu l-pakkett.

"Dan x'ser nagħmel bih" qallu kollu maħsud Pasquale.
"Dan għalik", kienet pronta qaltlu Elena.

Il-pulizija kompla iktar jistagħġeb. "Imma x'fih?" staqsa Pasquale.
"Ħbiberija u ferħ", wieġbet in-nanna, filwaqt li ħaditlu b'idejh.

"Inti rajtu, nanna, kemm kien kuntent?" qalet Elena. "Min jaf nerġgħux immorru d-dar u nħejju rigali oħra biex nagħtuhom lil nies oħra?"

"Le", qalet malajr in-nanna. "Rigal wieħed biżżejjed" fissritilha.

Pasquale kollu kuntent qal bejnu u bejn ruħu: "Isma' anke jien għandi ħbieb oħra fir-raħal" u kompla miexi mat-toroq, iktar ferħan u kuntent minn qabel.

Fit-triq iltaqa' ma' Sebastiano, li kien il-kennies tar-raħal. Sebastiano kien raġel tiumidu għall-aħħar u t-tfal kienu jgħadduh biż-żmien. Meta ra riesaq lejh il-pulizija, il-kennies daħal jistaħba wara l-karretta.

Pasquale offreilu l-pakkett filwaqt li qallu: "Dan għalik!"
"Grazzi", temtem minn taħt l-ilsien Sebastiano, ma jridx jemmen lilu nnifsu.
B'hekk kemm il-pulizija u kemm il-kennies saru ħbieb tal-qalb.

Iżda Sebastiano ma fetaħx il-pakkett. "Nagħtih rigal lil Dolores", qal waħdu. Dolores kienet tifla rqieqa rqieqa xagħra kollu nokkli, l-unika tifla li kienet issellimlu meta tiltaqa' miegħu. Dolores bħal issa kienet fis-sodda għaliex kellha l-influwenza. Kollu mifxul ħalla il-pakkett ma' omm Dolores, li minn naħa tagħha offrietlu ftit kafe'.

Meta Dolores irċeviet ir-rigal sabiħ, ħassitha ferm aħjar. Bdiet iżżiegħel dik il-karta kulur id-deheb u z-zigarella ħamra, u qalet bejna u bejn ruħha: "Min jaf x'rigal sabiħ hemm ġewwa! Taf x'nagħmel, nibgħatu lil Susie, ħalli b'hekk nagħmel paċi magħha!"

Susie kienet l-awa ħabiba li kellha Dolores, iżda xi jiem qabel, waqt li kienu l-iskola kellhom xi jgħidu bejniethom u bdew jgħajjru lil xulxin:"saħħara" u wkoll "antipatika" "kerha" u "kelba".

Meta Susie irċeviet il-pakkett, telqet tiġri għand Dolores u għannqitha magħha, imbagħad it-tnejn li huma iddeċidew li dak ir-rigal żgur li kienet tieħu gost bih it-teacher tagħhom, li minn xi ftit żmien il-hawn kienet tidher dejjem iktar qalbha sewda.

It-Teacher wiċċha xegħel bil-ferħ hekk kif sabet fuq il-mejda tal-klassi dak il-pakkett ileqq u dik il-ġurnata għaddiet bil-ħeffa x-xogħol tagħha fl-iskola. Waqt li kienet sejra lura lejn darha, it-teacher ħadet magħha ir-rigal u tagħtu lils-Sinjura Ambrosetti, li uliedha kienu joqgħodu il-bogħod il-bogħod u li kienet tgħaddi il-ħin kollu tagħha tibki minħabba fihom. Sinjura Ambrosetti ma żammitx għalija dak ir-rigal, iżda ħaditu għand Luċjanu, li kien bniedem sensibbli għall-aħħar, iżda billi kien il-biċċier tar-raħal, kulħadd kien iqisu li hu bniedem bla qalb.

L-anqas Luċjanu ma żamm għalih il-pakkett.... U b'hekk dak l-imbierek ta' pakkett baqa' għaddej minn id għall-oħra u dawk kollha li kienu jirċievuħ u jgħadduh lil xi ħadd ieħor kienu jħossuhom kuntenti u ferħana għall-aħħar.

Wara ċertu ġranet, meta Elena u n-nanna kienu ġejjin lura mix-xirja tagħhom, setgħu jisimgħu lin-nies kollha tar-raħal jitkellmu u jiċċajtaw flimkien, fit-toroq u fil-ħwienet, filwaqt li t-tfal kienu kollha kemm huma jaqbżu u jgħolew u jilgħabu flimkien.

Wieħed raġel sellem lin-nanna u irrakkuntalha x'kien qed jiġri 'l hawn u 'l hinn mar-raħal kollu, u qalilha wkoll li minn ftit taż-żmien il-hawn in-nies kienetiktar ferħana, u dan kollu minħabba ta' pakkett misterjuż.

Waqt li n-nanna kienet qegħdha tfittex fil-basket tagħha ħalli issib iċ-ċwievet tal-flat tagħha, iltaqgħet mas-sinjura Amalia, li kienet toqgħod fis-sular ta' taħthom, u li qatt ma kienet waqfet biex tkellimhom.

"Nixtieqlek il-Milied it-Tajjeb", qaltilha s-Sinjura Amalia, filwaqt li offrietilha il-pakkett sabiħ bil-karta tad-deheb u biż-zigarella ħamra.

"Grazzi", weġbitha minnufih in-nanna bit-tbissima. "Meta trid asal wasla sal-flat tagħna u noqgħodu npaċpċu ftit flimkien".

"Evviva", qalet Elena, meta sabu ruħhom weħidhom fil-flat. "Il-pakkett reġa' ġie għandna! Iżda, nanna, għdli ftit x'fih dak il-pakkett!"

"Xejn partikulari!", wieġbet in-nanna. "Kulma fih hemm biss ftit ta' imħabba".

## [] <u>RIFLESSJONI</u>

*[+] Li nkunu nafu nagħtu lil ħaddieħor hija l-iżjed ħaġa importanti li nistgħu nitgħallmu: qisna nkunu nitgħallmu biex insiru bnedmin li nżirgħu il-ferħ u l-paċi.*

*[+] F'dawn il-jiem hemm rigal għal kulħadd, anke għal dawk li jidhru minsija u abbandunati minn kulħadd. Iżda kull festa jew ġrajja għandha tkun okkażjoni sabiex nagħtu rigal lil dawk li aħna nħobbu.*

*[+] M'hemmx għalfejn li nagħtu rigali: nistgħu nagħtu il-ħajja, il-ferħ, it-tjubija, tbissima, kelma... B'hekk inkunu qed nesperimentaw dak li tgħidilna l-Bibbja: "Hemm iktar ferħ fli tagħti milli f'dak li tirċievi!" (At 20, 35)*

*[+] Rigal mogħti mill-qalb huwa mogħżuż tassew, u żgur li ma jkollux skopijiet oħra. Bih nuru mħabbitna lil persuna l-oħra. Ix-xewqa tagħna għandha tkun li nidħlu f'komunjoni miegħu. B'hekk isir sinjal ta' tjubija ta' Alla, li ta' kuljum, jtella' x-xemx kemm fuq it-tajbin kif ukoll fuq il-ħżiena u ma jistenna xejn għalih.*

## IS-SEBA' JUM IL-LAQGHA

STORJA:

### "FIR-RAĦAL TA' L-IMFISSDIN"

"Kemm il-darba ser ikolli ngħidlek biex toqgħod dritt mhux b'dahrek mgħawweġ!" kien jgħidlu l-papa`.

"Ejja ċaqlaq, għax ser jidla u nkunu għadna hawn!", kienet tgħidlu l-mama`.

"U aqtagħha! Kemm ser iddum tagħmel mistoqsijiet bla sens fuq kull ħaġa!" kienet tgħidlu oħtu.

"Inti ħares ftit kif għarraqtu dak is-satchel ta' l-iskola! Int ikollok tħallsu l-ġdid li nixtrilek!", kien ikompli jgħidlu l-papa`.

Matteo kien donnu drahom dawn it-tgħajjiriet li kien jismagħhom ta' kuljum. Kien iqum kuljum bl-għajjat ta' "Qum, għax ser tasal tard l-iskola. Inħasel sewwa! Żgur li poġġejt kollox fis-satchel?" U kien itemm il-ġurnata jisma' jidwu f'widnejh: "Għandek ghajnejk magħluqa: issa aqbad u itla' orqod u toqgħodx tagħmel stejjer bħas-soltu! Kemm ħadt fit-Taljan?.... "Tinsiex titfi d-dawl!"

Iżda ġurnata waħda kollox ġie mgħawweġ. Alessandru, l-akbar ħabib li kellu, qabad u qallu: "Imma kemm qed issir iblah!" li fl-aħħar mill-aħħar kienet tfisser "Qed iġġib ruħek ta; wiehed iblah u miġnun!"

Titti, it-teacher bdiet issejjaħlu: "pultruna", u waqt il-partita, Walter sejjaħlu "Beżżiegħi!". Minħabba f'hekk dik il-lejla żewġ demgħat niżlu jiżżersqu ma' ħaddejh u spiċċaw fil-platt ta' quddiemu. Oħtu bdiet timitah billi bdiet hi ukoll tolfoq. Matteo tela' jiġri f'kamartu u ntafa' minn tulu fuq is-sodda. Almenu hemmhekk setgħa jibki u jolfoq kemm irid.

Iżda f'daqqa waħda sama' taħbita żgħira mat-tieqa u qam biex imur jara. U sab quddiemu xi ħaġa mill-iżjed stramba, iżda fl-istess ħin li tagħti pjaċir. Ma setgħax jifhem minn x'hiex kienet magħmula, kollox kien artab, imdawwal, jitbissem ...

"Min int?" staqsa Matteo.
It-tweġiba instemgħet ħierġa ħelwa u tgħaxxaq iktar mill-gallettina bin-Nutella fuqhom. "Jiena jgħiduli "l-imfissed"....Rajtek imdejjaq u tibki u għidt li inti żgur li għandek bżonni. Agħtini idek u ejja miegħi!"

Matteo beda jitħarrek qisu f'ħolma. Dik il-kreatura ratba ratba qabditlu f'idu u ħaditu magħha jittajjar il-barra mit-tieqa lejn is-sema.

"Fejn ser teħodni?" staqsa Matteo.
"Fil-pajjiż ta' l-imfissdin", wieġbet
"Imma fejn jinstab?"
"Wara l-qawsalla!"

Wara vjaġġ ħafif għaddew mill-kuluri kollha tal-qawsalla, kull kulur kellu togħma mill-aqwa. L-aħdar kellu togħma ta menta, l-oranċju togħma ta' l-araċjata, l-indigo togħma tat-tamarind, u il-bqija. Niżlu f'pajjiż mimli fjuri u jfawwar bil-ferħ. Matteo ra ħafna tfal imfissda u ġenituri infissda, nanniet imfissda, u saħansitra teachers stess imfissda, u naturalment skejjel imfissda.

It-tfal imfissda kienu l-ewwel nies li stednuh jiġi jilgħab magħhom. Matteo ma baqgħax lura. Kien jinsab f'atmosfera totalment differenti mnn dik tas-soltu. Meta xi ħadd kien jagħmel xi żball, dlonk kien isib persuna oħra li kienet tgħidlu: "Isa, Kuraġġ. Darba oħra tmur aħjar!" U meta Matteo irnexxielu jiskorja, saħansitra l-goaler tat-team l-ieħor ċapċap idejh u qallu: "Bravu!"

Matteo, minflok ma beda jaqbeż għax skorja, ħassu jinfixel u beda jgerger f'qalbu għaliex propju dak in0-nhar kienet l-ewwel darba li kien sema' lil xi ħadd jgħidlu "Bravu!".

Wara li ntemmet il-partita, it-tfal kolla bdew jinpikaw bejniethom sabie jistiednuh ħalli jmur magħhom id-dar u jiekol magħhom. Matteo laqa' l-istedina li għamillu l-goaler tat-team l-ieħor, dak li kien qallu: "Bravu!"

Kienet familja bħal tiegħu: il-mama`, il-papa`, kien tifla u tifel, ħut il-goaler. L-unika differenza kienet li lkoll kienu mfissdin. Fuq il-mejda, matteo tawh il-post ta' l-unur. Il-mam`a` kollha mfissda tagħtu bewsa kbira u Matteo ħass id-dmugħ iġelben ma ħaddejh, għaliex kien ilu snin kbar li ommu kienet tagħtu bewsa, u hu qat ma kien kapaċi jgħidilha.

"Anke jien għandi oħti ikbar minni!", qal Matteo. "Mela anke int taf kemm hija sikkanti oħti, mhux hekk?" qal malajr il-goaler. "Iżda mill-banda l-oħra taf kemm tgħinni fil-homework u biex toqgħod tilgħab miegħi!" U lkoll infexxew jidħku.

Imbagħad ilkoll kemm huma bdew jilgħabu l-logħba li kien jisimha "Irrakkonta il-ġurnata tiegħek". Il-papa`, il-mama`, it-tifla u t-tifel irrakkontaw dak kollu li għamlu, il-ġrajjiet sbieħ u inqas sbieħ li għaddew minnhom ta' matul il-ġurnata. Kien hemm ħaġa li laqtitu lil Matteo: fil-familja mfissda ilkoll kienu lesti li joqgħodu jisimgħu dak li jkun jgħid xi ħadd minnhom. Kienu joqgħodu jisimgħu tabilħaqq, bla ma jwaqqfu lil dak li jkun. Qatt ħadd ma waqqaf lil ieħor u jgħidlu: "Ieqaf ftit għax weġġgħajtli rasi!" Kienu jibqgħu jisimgħu.

Imbagħad ilkoll bdew iħarsu lejn Matteo. "U l-ġurnata tiegħek kif kienet?" staqsa l-missier mfissed. matteo qal dak kollu li kien qed iħoss fl-istonku tiegħu li sa dak il-ħin lkien jgħidu biss lill-imħadda li fuqha kien jintafa' f'kamartu. Ilkoll qagħdu jisimgħuh u jifhmuh.

Fl-aħħar il-papa` l-imfissed qallu: "Qed tara! L-importanti hu li nħobbu lil xulxin… u li ngħidu li nħobbu lil xulxin!"

Imbagħad tah borza bi trab roża, u qallu: "Meta issa tkun id-dar ipprova dan it-trab irqieq. Onfoħ u xerred xi ftit minnu 'l hawn u 'l hinn. Dan hu trab li jfissed.

F'dak il-ħin Matteo qam. "Imma din x'ħolma ħlomt illum!" Iżda hekk kif fetaħ għajnejh sewwa u qam bilqegħda fuq is-sodda, ittenda li f'idejh jew aħjar fil-ponn ta' idejh kellu qabda trab roża. "Mela allura veru!" qal matteo.

Qiegħed it-trab irqieq f'daqsxejn ta' kaxxa żgħira u qam. "irrid nipprova dan it-trab minnufih!"

Ra fuq il-mejda tal-kċina il-kaffe' tal-papa`. Bis-serqa tefa' ftit trab fil-kikkra. Il-papa`, bħas-soltu, kien mgħaġġel. Xorob il-kaffe' u imbagħad kollu kuntent qal: "Tajjeb!" Ħaġa bħal din qatt ma għamilha jew qalha qabel. Anke l-mama` ittendiet. Imbagħad il-papa`, qabel ma hareġ għax-xogħol, żiegħel ftit b'Matteo: "nixtieq li jkollok ġurnata sabiħa, Matteo! U Qis li tmur sewwa l-iskola ħalli l-lejla nilgħabu l-Iscrabble flimkien!"

"Qed taħdem… qed taħdem!" ħaseb Matteo, kollu kuntent. "Issa nieħu miegħu dan it-trab irqieq u lit-teachers nitfagħalha doża doppja".

## [] RIFLESSJONI

*[+] Kemm għandna bżonn aħna ukoll minn dan it-trab, mhux hekk? Kemm hi ħaġa ħelwa li nagħtu u noffru lil dawk il-persuni li jkollna madwarna? Kemm hi ħaġa żgħira li nkunu ġellieda, gergura! Kemm hi ħaġa ħażina li ngħajru lil xulxin, li nkunu vulgari, li nwieġbu bil-ħerra, li nkunu maledukati!*

*[+] Il-Messaġġ tal-Milied hu għal kollox differenti.*

*[+] Il-Milied huwa wirja ta' ħlewwa ta' Alla. Fit-Tarbija ta' Betlem tidher it-tjubija ta' Alla u l-imħabba tiegħu lejn il-bnedmin.*

*[+] Il-bnedmin għandhom bżonnha din it-tenerezza bħala s-sigar għandhom bżonn ta' l-ilma u d-dawl. Mingħajrha jidbielu u jmutu.*

*[+] L-insara huma msejħa sabiex jimitaw lil Alla proprju f'dan, f'nofs il-bnedmin.*

## IT-TMIEN JUM IL-FAQAR

### STORJA

## "GĦALIEX FIL-GROTTA KIEN HEMM IL-BAQRA U L-ĦMARA"

Waqt li Ġużeppi u Marija kienu sejrin fil-vjaġġ tagħhom lejn Betlem, Anġlu tas-Sema ġabar flimkien lill-annimali kollha sabiex jagħżel lil dawk l-aktar addattati sabiex jgħinu lil-Familja Mqaddsa ġewwa l-għar ta' l-annimali.

Naturalment, l-ewwel li resaq kien l-iljun. "Ir-Re biss huwa denn li jaqdi lir-Re tad-Dinja" għajjat b'leħnu oħxon l-iljun. "Jiena noqgħod ħdejn il-bieb ta' barra u nqatta' bċejjeċ lil kull min jażżarda jersaq 'il hemm!"

"Le, le. Inti aħrax wisq", qallu l-Anġlu.

Dritt wara resaq il-volpi. B'dik l-arja tiegħu makakka u fl-istess ħin b'wiċċ innoċenti qal: "Jiena l-annimal l-aktar addattat. Jiena lest li għall-Iben ta' Alla nisraq ta' kull filgħodu l-aħjar u l-iktar għasel bnin u l-ħalib li jkun aqwa mill-panna. Nwassal lil Marija u lil Ġużeppi, tiġieġa mill-isbaħ. U dan lest li nagħmlu kuljum".

"Le,le. Ma jistax ikun. Int tassew diżonest biex toqgħod tisraq u tagħmel dan kollu", qallu l-anġlu.

Wasal imbagħad mimli bih innifsu l-pagun. Fetaħ dak id-denb tiegħu mimli ilwien tal-qawsalla u qal: "Jiena nibdel dik l-istalla fqajra f'sala tat-tron, isbaħ mill-palazz ta' Salamun!"

"Le, l-anqas int ma jixraqlek tkun wieħed minn dawk l-annimali magħżula. Int faħħari wisq u prużuntuż." qallu l-Anġlu.

Għaddew minn quddiemu annimal wieħed wara l-ieħor. Kollha jiftaħru bid-doni tagħhom... kien kollu ta' xejn. L-Anġlu ma setgħax isib wieħed jew waħda li kienu kapaċi jieħdu ħsieb u jaqdu lir-Re tar-Rejjiet.

Iżda meta kien għoddu qata' qalbu, ra żewġ annimali li baqgħu jaħdmu, b'rashom baxxuta. Kienu qeghdin f'għalqa, qrib l-istess għar ta' annimali ta' Betlem. Kienu l-Baqra u l-Ħmara. L-Anġlu sejjħilhom sabiex jiġu ħdejh: "Isma' intom ma għandkom xejn x'toffru?"

"Xejn!" wieġbet il-ħmara, filwaqt li niżżlet l-isfel dawk iż-żewg widniet twal twal li kellha mwaqqfin. "Aħna ma għandna xejn x'noffru għar l-umlta' u l-paċenzja. Ma għandna xejn iżjed għajr ħafna daqqiet ta' bastun fuq daharna."

Il-Baqra, kolla mbeżża', mingħajr l-anqas biss ma refgħet għajnejha 'il fuq, qalet: "Iżda xi kultant kapaċi nkeċċu xi dubbiena fitta, permezz tad-denb tagħna!"

L-Anġlu fl-aħħar deħritlu tbissima fuq wiċċu. "Intom ser tkunu ż-żewġ annimali għal ġewwa l-għar ta' Betlem!".

## [] RIFLESSJONI

*[+] Sissa kulħadd lesti il-presepju. Lil min jirrappreżentaw dawk l-istatwi li poġġejna fil-għar? Ġesu` twieled fil-faqar, fost nies sempliċi u ġenerużi. għaliex għamel din il-għażla? Anke Marija u Ġużeppi kienu foqra u sempliċi, u proprju minħabba f'hekk huma totalment disponibbli għas-sejħa ta' Alla.*

*[+] Dawk kollha li jħossu qalbhom magħfusa mit-toqol tal-ġid u tas-setgħa, bħal Erodi, ma jisimgħu qatt il-leħen tal-Milej. Huma meħdija tant fuq kif jiddefendu dak kollu li għandhom li ma jkunu jistgħu jisimgħuh qatt. U b'hekk ikunu drabi jħarbtu l-pjani ta' Alla għalihom.*

*[+] Is-sinjuri u s-superbi għandhom kollox. Il-fqar mill-banda l-oħra ma għandhom xejn. Minħabba f'hekk huma kapaċi jilqgħu dak kollu li Alla u sħabhom jistgħu jagħtuhom. Huma kapaċi jilqgħu u kapaċi ukoll jagħtu. Huma l-għajnejn tal-fqar u tal-bnedmin sempliċi li jaraw lil Ġesu` Bambin, u l-widnejn tagħhom biss jisimgħu il-Kant ta' l-Anġli.*

*[+] Jekk aħna nridu nisimgħu u ngħixu l-messaġġ etern tal-Milied, irridu anke aħna nkunu ħielsa mill-ħafna affarijiet li jfixkluna u jtellfuna mill-ħajja spiritwali tagħna.*

## [] IL-ĠEST

Itolbu lil ġenituri tagħkom sabiex jagħtukom il-permess li tagħmlu purċissjoni qasira fid-dar bil-Baqra u l-Ħmara, filwaqt li tiktbu sentenza waħda fuq il-baqra u l-oħra fuq il-ħmara li biha turu x'tagħlima jgħallmuna dawn iż-żewġ annimali fil-grotta.

## [] IL-FJURETT

*Għada tfal niċċaħdu mill-ħelu li nieħdu magħna l-iskola jew inkella mid-deżerta u mill-flus li għandna fil-karus tagħna ngħinu lil tfal oħra inqas ixxurtjata minna, bħal ngħidu aħna lit-tfal tal-Brażil li fosthom hemm jaħdem Fr. Jimmy.*

## ID-DISA' JUM IL-FERĦ

STORJA

### "IL-LEĠĠENDA TAR-RAGĦAJ KATTIV"

Darba waħda kien hemm wieħed ragħaj li kellu karattru mill-agħar u kellu wkoll żewġt iklieb agħar minnu. Kien jgħix waħdu man-nagħaġ tiegħu u mal-klieb tiegħu, għaliex anke r-rgħajja l-oħra kienu jibżgħu minnu.

Kien bniedem li ma kien iħalliha lil ħadd u anke vendikattiv, dejjem irrabbjat kontra kollox u kontra kulħadd. għajnejh dejjem mimlijin bil-qilla, u kellu ukoll leħja sewda ħarxa u li tkompli tkerraħ dak il-wiċċ tiegħu. Kliemu kien dejjem imqit u ħadd qatt ma rah jitbissem.

Dawk it-tallaba kollha li bi żball ikunu ħabbtu fuq il-bieb tiegħu kien ikollhom jaħarbu bil-ġirja minn quddiemu, bil-kliebv tar-ragħaj jiġru warajhom u fost it-theddid tar-ragħaj innifsu.

Meta fil-lejl Qaddis tal-Milied, l-Anġlu tal-Mulej deher sabiex jagħti l-aħbar it-tajba lir-rgħajja li kien hemm miġbura, dan ir-ragħaj aħrax beda jgerger: "Din xi logħba kerha biex jgħadduna biż-żmien. Trid tkun imbeċilli biex temmen dak li qed jgħid dak!" u wara li kompla jgerger, dawwar sewwa miegħu l-mantell li kellu fuq spallejh, mantell iswed tuta, iktar iswed minn qalbu.

Iżda f'dak il-lejl seħħet ħaġa mill-iżjed straordinarja.

Ftit il-bogħod minn hemm, wieħed raġel kien miexi bil-lejl, ifittex in-nar. Kien qed iħabbat fuq il-bibien kollha. "Għinuni, nies twajba, għinuni!" kien qed jgħid. "Marti għadha kif kellha tarbija u jiena għandi bżonn xi ftit nar ħalli nkun nista nsaħħanhom, kemm lilha kif ukoll lit-tarbija".

Iżda il-lejl kien daħal ġmielu, u kulħadd kien rieqed għar-rdoss ta' daru u ħadd ma wieġbu. Iżda dak ir-raġel baqa' jfittex u jfittex. Kien San Ġużepp.

Id-dlam ta; madwaru kont taqtgħu b'sikkina, iżda f'daqqa waħda ra bħal leħħa ta' nar. Telaq jgħaġġel lejn dak il-post.

Kien in-nar ta' dak ir-ragħaj aħrax u ġelliedi li kien qed jgħasses lil merħla tiegħu. Il-klieb kienu reqdin, qishom kobba ħdejn riġlejh, u madwaru n-ngħaġ kienu kollha kemm huma reqdin, waħda mrekkna ma' l-oħra.

Meta San Ġużepp wasal, il-klieb iċċaqilqu. Fetħu beraħ il-garġi tagħhom biex jinbħu, iżda ma ħareġ l-ebda ħoss. Ir-ragħaj beda jkeskishom sabiex imorru jattakkaw lil dak li kien riesaq lejh. Bil-pil tagħhom wieqaf qisu xkupilja, b'dufrejhom ippuntati li kienu jleqqu fid-dawl tan-nar, il-klieb telquha lejn San Ġużepp, iżda meta qorbu lejh, qisu kien hemm xi id misterjuża u ma tidhirx li kienet qed iżżommhom milli jimxu 'il quddiem, u dlonk niżlu kokka fl-art jingħu f'riġlejn San Ġużepp.

Ir-ragħaj mifxul u mħerwel għafas f'idejh il-bastun mimli għoqod li kellu, u mbagħad, ħabta u sabtu, intafa' b'kemm kellu saħħa kontra dak il-bniedem barrani li kellu quddiemu.

Iżda l-bastun hekk kif wasal quddiem il-barrani, dawwar il-mira tiegħu u b'tisfira kbira ħarablu minn idejh u spiċċa il-bogħod il-bogħod fl-għelieqi.

Ir-raġel barrani kellu bixra ta' bniedem kwiet u ma kellu xejn biex jiddefendi ruħu. Resaq lejn ir-ragħaj, mexa bi trabkwillita' kbira u għadda jmiss man-nagħaġ li kien hemm rieqda, bla ma qajjimhom.

"Ħabib, agħtina ftit nar biex insaħħan lit-tarbija u lil ommha", talbu bil-ħniena San Ġużepp. Ir-ragħaj kien għoddu ser ikellmu ħażin, meta ftakar li l-klieb tiegħu ma kiex irnexxielhom jigdmuh, il-bastun tiegħu ma kienx kapaċi jolqtu, u n-nagħaġ ma kienux tħarku minn ngħasa tagħhom. Imbeżża' xi ftit, ma ażżardax jiċħadlu dak li talbu.
"Aqbad u ħu kemm trid!", qal b'leħnu maħnuq.

Ma kien baqa' l-ebda fjamma, l-ebda zokk jew fergħa, l-ebda biċċa injama mqabbda. Kien hemm biss ftit ġamar, u dak ir-raġel barrani la kellu barmil, la pala u xejn biex ikun jista' jieħu xi ftit miegħu.

Ir-ragħaj il-ħażin ittenda u b'ħażen kbir reġa' qallu: " Aqbad u ħu kemm trid!.... Jekk tista'!"

San Ġużepp tbaxxa ftit, qabad f'idejn koċċ ġamar jaqbad, poġġih f'tarf il-mantell tiegħu, u wara li radd ħajr lil dak ir-ragħaj, telaq lura minn fejn kien ġie. U n-nar ma qabbadlux la l-mantell u l-anqas idejh. Qabad u telaq bih qisu qed iġorr qabda tuffieħ ħamrani.

Ir-ragħaj baqa' iċċassat. "Imma din x'lejla hi? Il-klieb ma jigdmux, il-bsaten ma jsawwtux, in-nagħaġ ma jibżgħux, u n-nar ma jqabbadx!"

Sejjaħ lejh lil dak il-barrani b'leħen għoli: "Din x'lejla hi? Dan kif kulħadd sar twajjeb?"

Ir-raġel barrani wieġbu b'dak il-leħen ġentili tiegħu: "Jeħtieġ li tasal tifhem dan kollu waħdek. Bil-qalb tiegħek. Jiena ma nista' ngħidlek xejn!"

Ir-ragħaj l-aħrax iddeċieda li ma jaqlax għajnejh minn fuq dak ir-raġel barrani, u minħabba f'hekk beda miexi warajh, ftit passi l-bogħod minnhu.

B'hekk huwa ittenda li dak ir-raġel barrani l-anqas biss ma kellu għarix biex jistkenn ġewwa fih. Filwaqt li martu u t-tarbija kienu jinstabu ġewwa għar tal-annimali, bla ebda kenn mill-kesħa tremenda li kienet qegħda tagħmel dak il-ħin.

Meta r-ragħaj ra lit-tarbija, il-qalb tiegħu mejta u mimlija mibgħeda ħassha taqbad xi ftit. Id-dlam, sfieq u li jbeżża' li fiha kienet tinsab il-qalb tiegħu, beda jgħib bil-ftit il-ftit u jiddawwal.

Fetaħ iċ-ċurniena tiegħu, u minnha ħareġ ġeżża suf abjad qotna, u artab għall-aħħar, u newwilha lil dik il-mara, sabiex tkun tista' ddawwar lit-tarbija ġewwa fiha. Imbagħad ħa l-ħobż u l-ġobon u offrih lill-koppja.

F'dak il-ħin għajnejh infetħu u ra dak kollu li qabel ma seta' jara b'xejn u beda jisma' dak li qabel ma kienx sema'.

Ittenda li kien imdawwar minn numru bla għadd ta' Anġli li lkoll kienu qed ikantaw f'kor li l-Messija kien twieled f'dak il-lejl, il-Messija li kellu jeħles lid-dinja kollha minn kull ħażen.

Imbagħad fehem għaliex f'dak il-lejl ta' ferħ ħadd u xejn ma setgħa jagħmel id-deni. U l-angli ma kienux biss madwaru iżda kullimkien, fil-għar u fuq il-blat, fis-sema u fuq l-għoljiet: kienu mexjin f'purċissjoni biex jiġu u jikkontemplaw lit-Tarbija Divina.

Kullimkien kien hemm ferħ, kant u żfin. U r-ragħaj ra dan kollu f'dak il-lejl li qabel kien jidher iswed, mudlam u vojt.

Imbagħad mewġa ta' ferħ ħakmitu u rebħitu, ferħ li ma jistax jitfisser ġera' ma ġismu kollu. Qisu kollox ġewwa fih kien imbidel f'arpa li kellhom f'idejhom dawk l-anġli ferħana.

Niżel għarkobtejh u radd ħajr lil Mulej. U għall-ewwel darba f'ħajtu, għajnejh imtlew bid-dmugħ ta' ferħ.

## [] RIFLESSJONI

*[+] La tinsewx qatt dan kollu, għaliex dak li saħħ huwa veru. Dan huwa l-lejl qaddis tal-mirakli.*

*[+] Mhumiex biss ix-xemx u l-kwiekeb jiswew, l-anqas il-qamar jew ix-xemx. L-aqwa ħaġa hi li aħna jkollna għajnejn kapaċi li naraw il-glorja ta' Alla.*